**29 ta' Marzu, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmelo Scicluna LL.D.**

Il-Qorti

*versus*

Carmel Damato

## Mandat ta' Inibizzjoni - Tkomplija ta' Xogħol - Apoloġija

*Min jikser obbligu lilu impost mill-Qorti b'Mandat ta' Inibizzjoni tal-parti kuntrarja, jirrendi ruħu ħati ta' disprezz għall-awtorità tal-Qorti; u xejn ma jiswa li l-motiv li jkun ġiegħlu jikser dak l-ordni jkun ta' min jissimpatizza miegħu mingħajr ma jiġi meħud in konsiderazzjoni l-punt legali, għax mill-punto di vista ġuridiku dak il-motiv mhu ta' ebda valur;*

*Il-motivi u l-apoloġija li għamel il-konvenut jistgħu jservu biss bħala mitiganti fil-piena.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni kontra l-imsemmi Carmelo Damato, bħala segretarju tal-każin tal-Malta Labour Party, f'Birżebbuġa, sabiex dan iwieġeb għaliex m'għandux jiġi misjub ħati ta' disprezz lejn l-awtorità ta' din il-Qorti, talli naqas milli jobdi l-ordni tagħha mogħtija bil-mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet **Mary Parnis f'isimha *proprio* u bħala prokuratriċi ta' l-assenti Joseph Paris u Maria Victoria mart Pietru Pawl**

**Cutajar u l-istess żewġha, bħala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti *vs* Carmel Damato, Segretarju tal-Malta Labour Party Club ta' Birżebbuġa**, maħruġ fit-28 ta' Jannar, 1983, u li permezz tiegħu l-istess Damato ġie ordnat biex ma jissoktax fix-xogħol strutturali li hu kien qed jagħmel fil-fond numru 1, 2 u 4, Triq il-Ġdida, Birżebbuġa;

Rat illi l-konvenut ġie debitament innotifikat biċ-ċitazzjoni; però ma ppreżentax ebda eċċezzjoni;

Semgħet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-proċess; u

Ikkunsidrat:

Illi, in tema legali, jingħad li min jikser obbligu lilu impost mill-Qorti fuq mandat ta' inibizzjoni tal-parti kuntrarja, jirrendi ruħu ħati ta' disprezz għall-awtorità tal-Qorti; u xejn ma jiswa li l-motiv li jkun ġiegħlu jikser dak l-ordni jkun ta' min jissimpatizza miegħu mingħajr ma jiġi meħud in konsiderazzjoni l-punt legali, għax mill-punto di vista ġuridika dak il-motiv mhu ta' ebda valur (Vol. XXXVII.III.910);

Illi, fil-każ in eżami, il-konvenut kien ġie nnotifikat fit-28 ta' Jannar, 1983 b'mandat ta' inibizzjoni, maħruġ minn din il-Qorti fuq talba ta' Mary Paris u oħrajn, fejn ġie ordnat biex jieqaf "milli jissokta fix-xogħol kollu li (kien) qed jaħdem fil-fondi 1, 2 u 4 fi Triq il-Ġdida, Birżebbuġa, biex jieqaf id-dannu li (kienu) qed isofru (l-imsemmija Mary Paris u r-rikorrenti l-oħrajn) bl-aġir illegali ta' l-intimat";

Illi l-konvenut xehed li kif irċieva l-mandat, huwa nforma

lill-membri l-oħra tal-kumitat u kien qalilhom biex jieqfu mix-xogħol; u żied jgħid: "però fil-fatt ix-xogħol tkompla għaliex il-partijiet dehrilhom li kienu qegħdin jirranġaw ... Fil-fatt ix-xogħol issa spiċċa kollu u spiċċa kompletament xi tliet xhur ilu. Ix-xogħol tal-ġebel però ilu li spiċċa, ikollu ngħid xi xahrejn wara li rċevejna l-mandat". Il-konvenut xehed dan fis-seduta ta' l-1 ta' Frar, 1984;

Illi, *ex admissi*, dak iż-żmien, il-konvenut kien baqa' jmur il-każin, u kien jara x-xogħlijiet qed isiru, però deherlu li b'tikħil u żebgħa ma kienx ser isir ħsara lil ħadd; intant dwar in-notifika tal-mandat, dejjem skond il-konvenut, il-ħajt diviżorju bejn iż-żewġt ikmamar kien diġà tneħħa (u kien dan ix-xogħol li milli jidher ikkawża xi ħsarat fil-fond sovrastanti (proprjetà ta' l-imsemmija Mary Paris u oħrajn), u x-xogħol li sar wara kien sostanzjalment dak ta' tikħil u żebgħa;

Illi fl-aħħarnett, il-konvenut qal li dak li sar ma sarx b'disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti, u f'każ li sar hekk kien jiddispjaċih;

Issa, huwa veru li aktarx li x-xogħol prinċipali kien diġà lest qabel il-ħruġ tal-mandat in kwistjoni, u li x-xogħol ta' tikħil u żebgħa biss ma setax allura aggrava l-posizzjoni. Iżda, mill-banda l-oħra l-konvenut kien ordnat biex jieqaf mix-xogħol kollu, u għalhekk ma setax jinjora għal kollox l-ordni tal-Qorti u jkompli sejjer bix-xogħol qabel se mai ġew ikkonstatati l-affarijiet biex jiġi aċċertat li ma kienx se jkun hemm preġudizzju għal ħadd. La darba l-Qorti ordnat il-ħruġ tiegħu u l-mandat kien neċessarju biex jitħarsu d-drittijiet tagħha. Il-konvenut kellu opportunità biżżejjed biex, fl-ewwel lok jopponi l-ħruġ tal-mandat, u fit-tieni lok biex, jekk deherlu li kellu jkompli biss bix-xogħol, jitlob qabel xejn ir-revoka tiegħu; iżda l-konvenut ma pprevalixxix ruħu minn ebda wieħed minn dawn

ir-rimedji u minflok qabad u injora l-ordni tal-Qorti u ssokta bix-xogħol. Kif diġà ġie osservat il-motivi tiegħu u l-apoloġija li għamel jistgħu biss iservu bħala mitiganti fil-piena;

Għal dawn il-motivi;

Tiddikjara li l-imsemmi Carmelo Damato, bl-aġir tiegħu hawn fuq imsemmi, injora l-mandat ta' inibizzjoni ta' din il-Qorti tat-28 ta' Jannar, 1983, u b'hekk irrenda ruħu ħati ta' nuqqas ta' rispett lejn l-awtorità tal-Qorti; u wara li rat l-artikoli 996 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u l-artikolu 13 (1) tal-Kodiċi Kriminali, tikkundanna lill-konvenut għal tletin lira (Lm30) Maltija.